MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 80/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Generoso Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Generoso Sammut:

Talli fit-23 ta' Marzu 2002, ghall-habta tad-9.30a.m. fil-Mosta jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, uza xi sistema jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma kienx dak li ghalih gie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li inhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-

sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Dr. Angelo Farrugia LL.D., M.P., weggghu bi kliem jew b'xi mod iehor;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded bil-fomm lil Dr. Angelo Farrugia LL.D., M.P. meta flimkien mat-theddid kien hemm ordni jew kundizzjoni;

Talli sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 24 ta’ Awissu 1999 u b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell datata 2 ta’ Awissu 1999, liema sentenzi saru definittivi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Marzu 2004 li permezz taghha dik il-Qorti lliberat lill-imsemmi Generoso Sammut mill-ewwel imputazzjoni kif ukoll mill-imputazzjoni li sar recidiv izda sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u kkundannatu ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin liri (Lm25) kif ukoll rabtitu b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' mitt lira (Lm100) ghal perijodu ta' tnax-il xahar mid-data tas-sentenza li ma jimmolestax lil Dott. Anglu Farrugia jew lill-familjari tieghu;

Rat ir-rikors ta’ appell tat-29 ta’ Marzu 2004 ta’ l-imsemmi Generoso Sammut li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi "tikkonfermaha in kwantu sabitu mhux hati ta’ l-ewwel, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet, u tirrevokaha, thassarha u tannullaha in kwantu sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u kkundannatu ghall-hlas ta’ ammenda ta’ Lm25 u imponiet garanzija fuqu a tenur ta’ l-Artikolu 383 tal-Kap 9 u tillibera lill-esponent minn kull htija u piena skond il-ligi";

Rat is-sentenza preliminari ta’ din il-Qorti tat-13 ta’ Ottubru 2004 li permezz taghha astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel aggravju ta' l-appellant, iddikjarat *ex officio* s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Generoso Sammut** moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-23 ta' Marzu 2004 nulla u

ddifferiet l-appell sabiex jigi trattat fil-mertu quddiem din l-istess Qorti;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:
Il-proceduri kontra l-appellant inbdew wara kwerela li ghamel l-Avukat Dottor Anglu Farrugia fit-23 ta'Marzu 2002 indirizzata lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar telefonata anonima li kien ircieva dakinhar stess fejn indika li s-suspett tieghu kien fl-appellant.

L-Ispettur Geoffrey Azzopardi kien l-ufficjal investigattiv. Huwa qal li l-Avukat Farrugia kelmu u qallu li kien avukat ta' grupp ta' bdiewa fuq xi kwistjoni li kellhom ma' l-appellant u li skond l-Avukat Farrugia t-telefonata kienet motivata minhabba li hu kien qed jaqdi d-dmirijiet tieghu bhala avukat fir-rigward ta' dawn il-bdiewa. L-Ispettur Azzopardi qal ukoll li kien baghat ghall-appellant sabiex jinterrogah u dan ghazel li ma jwiegeb l-ebda domanda li ssirlu – kif in effetti jirrizulta mill-i*statement* esebit bhala Dok. JA3 a fol. 10 u 11 tal-process.

L-Avukat Dottor Angelo Farrugia kkonferma li kien ircieva telefonata anonima minghand persuna li gharafha bhala l-appellant. Huwa xehed li gurnata jew tnejn qabel il-kaz, kien hemm is-smiegh dwar mandat ta' inibizzjoni il-Qorti u huwa kien jippatrocina xi uhud mill-bdiewa tal-Bidnija. Jghid li l-appellant kien ipprova jkellmu hu u hiereg mill-Awla "b'dik l-arja kollha". Huwa sostna li lehen l-appellant huwa lehen partikolari li jaghrfu definittivament. Qal li fit-telefonata ghamillu insult fil-konfront tal-mara, bi kliem baxx, u heddu fis-sens li qallu li "insibek, naf x'ghandi naghmel" u "jiena m'inhix ser nibza' minnek, x'hin trid". Ix-xhud qal li lil min kien qed ikellmu qallu li kien qed jaghrfu u qallu "iva, Generoso?" imbaghad qataghlu l-linja. Ix-xhud insista li gharaf lehen l-appellant u dan ghax ghandu

lehen partikolari, ghall-mod kif jghaggel fid-diskors, u ghax xi granet qabel kien ghaddielu xi rimarki.

L-appellant cahad li cempel lill-kwerelant u allega li l-kwerelant huwa mqabbad mieghu. Ma wiegeb xejn waqt l-interrogazzjoni ghax mexa skond il-ligi u ghazel li ma jwegibx.

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant sostna li *voice identification* fuq l-apparat telefoniku hija haga ferm difficli u hemm perikolu reali li persuna ma tingharafx, jew – li hu hafna aghar – li tigi konfuza ma' persuna ohra. Jghid li imputazzjonijiet ta' natura penali ghandhom jigu ppruvati *beyond reasonable doubt*. Isostni li kieku l-prova kienet permezz ta' *I.D. caller* wiehed kien ikun jista' jghid li hemm certezza; izda *voice identification*, specjalment meta d-diskors li jkun qed jinghad ikun qed jikkrea agitazzjoni f'min ikun qed jisimghu, hija prova mhux ta' min jistrieh fuqha. Jghid li kultant anke fit-triq, tara persuna minn certu angolu u tahseb li hi persuna X izda meta tersaq fuqha ssib li hi persuna Y, ahseb u ara li tidentifika persuna minghajr ma tista' taraha. Skond l-appellant ghalhekk dan hu *fraught with dangers* u s-sejbien ta' htija mhuwiex *safe*.

Li x-xiehda li nghatat f'dan il-kaz hija konfliggenti m'hemm l-ebda dubju. Izda x-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[1]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[2].

[1] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.
[2] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

Din il-Qorti, li kellha l-opportunita` tisma' lix-xhieda *viva voce*, hi tal-fehma li l-kwerelant kellu ragunijiet bizzejjed biex jaghraf lehen l-appellant li ddeskrivieh bhala li ghandu lehen "partikolari". Din il-Qorti, li semghet lill-appellant, ukoll temmen li l-appellant ghandu lehen "partikolari". Aktar minn hekk jirrizulta li l-kwerelant kien sema' lill-appellant gurnata jew tnejn qabel meta kkonfrontah b'xi mod il-Qorti meta l-kwerelant kien qieghed jaqdi d-dmirijiet tieghu bhala avukat ghal xi bdiewa mill-Bidnija. L-appellant ipprova jizra' d-dubju fejn dubju m'hemmx.

Ghaldaqstant l-ewwel imputazzjoni dwar l-uzu hazin ta' apparat ta' telekomunikazzjoni tirrizulta debitament pruvata.

Kwantu ghat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, din il-Qorti hi tal-fehma li minn dak li xehed Dott. Angelo Farrugia ma jirrizultawx id-delitti kontemplati f'dawk l-imputazzjonijiet skond l-artikoli 249(2) u 252(1) tal-Kodici Kriminali. Pero` jirrizulta li l-appellant ghamel ingurji u theddid bi ksur ta' l-artikolu 339(1)(e).

Kwantu ghar-recidiva, il-prosekuzzjoni esebiet sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-24 ta' Awissu 1999 (Dok. JA1) fejn kien gie kkundannat ghall-hlas ta' multa ta' hamsin liri Maltin (Lm50), u sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-2 ta' Awissu 1999 (Dok. JA4) li kkonfermat sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Jannar 1999 li permezz taghha kien gie kkundannat multa komplessiva ta' mitt liri Maltin (Lm100). Dwar dawn iz-zewg sentenzi saret il-prova ta' l-identita` permezz tas-Supretendent Joe Valletta u l-ex-Spettur David Gatt rispettivament.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tiddikjara lill-appellant mhux hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet kif dedotti, tiddikjarah hati ta' l-ewwel u tar-raba' imputazzjonijiet dedotti kif ukoll talli ghamel lil Dott. Angelo Farrugia ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminali, u, wara li rat l-

artikoli 39(1)(d) tal-Kap. 399 kif allura vigenti, u l-artikoli 339(1)(e), 49, 50, 17(f) tal-Kap. 9, tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hamsin liri Maltin (Lm50) u, a tenur ta' l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, torbot lill-appellant li ma jimmolesta b'ebda mod lil Dott. Angelo Farrugia u l-familja tieghu, u dan b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' mitt liri Maltin (Lm100) fin-nuqqas u ghal perijodu ta' tnax-il xahar, liema obbligazzjoni ghandha ssir bil-mod infraskritt.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------